25 ta' Ġunju, 1945.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L. A. Camilleri, LL.D.

**Giuseppe Cannataci *versus* P.L. Roberto Tabone, ne.**

**Appell — Min jista' jagħmel Appell — Appell Inċidentali — Azzjoni Rexissorja — Preskrizzjoni — Art. 930 u 931 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868, u art. 162, 262, 264 u 977 tal-Proċedura Ċivili.**

*Mhux biss il-kontendenti f'kawża jistgħu jagħmlu appell minn sentenza mogħtija f'dik il-kawża, iżda wkoll kull min għandu interess fil-kawża.*

*Dan id-dritt u dak ta' l-intervent fil-kawża huma żewġ drittijiet separati u distinti, li jistgħu jiġu eżerċitati wieħed indipendentement mill-ieħor.*

*L-azzjoni għar-rexissjoni ta' kuntratt minħabba vjolenza, żball, qerq, stat ta' mara miżżewġa, interdizzjoni jew minorità, hija suġġetta għall-preskrizzjoni ta' sentejn, meta l-liġi għal xi raġuni partikulari ma tistabbilixxix preskrizzjoni aqsar.*

*Jekk risposta għal petizzjoni ta' appell tiġi preżentata wara ż-żmien stabbilit mill-liġi, l-appell inċidentali magħmul b'dik ir-risposta huwa null u ineffikaċi.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà tar-Re, li biha l-attur, wara li ppremetta li b'kuntratt fl-attijiet tan-Nutar Giovanni Chapelle tal-5 ta' Settembru 1932 (dok. A) huwa ikkostitwixxa ruħu debitur ta' l-imsemmi Enrico Cannataci fis-somma ta' £455. 17. 10½d., li kellu jirrestitwixxi a sempliċi rikjesta flimkien ma' l-imgħax tal-5%; u li dana Enrico Cannataci obbliga ruħu li jagħti manteniment, ilbies u abitazzjoni lill-attur b'kemm jammonta għal £87 fis-sena, u bejn il-partijiet ġiet

iħissata, għall-fini ta' l-ipoteka, is-somma ta' £261, u għalhekk huwa ipoteka ħwejjġu a favur ta' l-imsemmi Enrico Cannataci fis-somma ta' £716. 17. 10½; u li in realtà huwa kellu jagħti *lill-imsemmi Enrico Cannataci biss £100. 19. 2½*, prezz ta' merċi, armatura ta' ħanut, self ta' £3, u kera tal-ħanut; u li l-kuntratt fuq imsemmi sar b'ingann u b'qerq, billi l-istess Enrico Cannataci pperswadih li dak il-kuntratt huwa vantaġġjuż għalih, *kif jiġi ppruvat matul it-trattazzjoni* tal-kawża; u li dana Enrico Cannataci kien ipprometta li għandu jħassar dan il-kreditu tiegħu kontra Giuseppe Cannataci, għaliex kien jaf li huwa fittizju, kif ipprometta ħafna drabi, u darba fi transazzjoni fil-kawża "Enrico Cannataci vs. Giuseppe Cannataci", ċeduta f'dik il-Qorti fil-11 ta' Ottubru 1934 (dok. B); u li l-istess Enrico Cannataci qallu li lanqas ma jrid l-imsemmija somma ta' £100. 19. 2½ li tassew kellu jagħtih, u hekk ħafirlu u rrinunzja għaliha; talab li jiġi dikjarat u deċiż li l-imsemmi kuntratt fl-attijiet tan-Nutar Giovanni Chapelle tal-5 ta' Settembru 1932, għandu jiġi ridott għas-somma ta' £100. 19. 2½, kif fuq dovuta, u għalhekk għall-bqija jiġi dikjarat bla effett billi magħmula b'ingann u b'qerq, u għal-daqstant null għal kwalunkwe ħaġa u kreditu u ipoteka fih imsemmija, barra mis-somma ta' £100. 19. 2½ fuq indikata, u in kwalunkwe każ jiġi mħassar, billi Enrico Cannataci pprometta li għandu jħassru għaliex jaf li in parti fittizju u għaliex ried jaħfer il-parti vera tal-kreditu tiegħu fuq imsemmi ta' £100. 19. 2½ u għal kwalunkwe raġuni oħra valida fil-liġi. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Rat is-sentenza *mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili* tal-Maestà tar-Re, li biha ġiet milqugħa t-talba ta' l-attur fis-sens biss li ġie dikjarat illi l-kuntratt indikat fiċ-ċitazzjoni għandu jiġi ridott għas-somma biss ta' £100. 19. 2½, bl-imgħax tal-5% *fis-sena fuqha*, u ġie dikjarat null u bla effett l-istess kuntratt għal kull kreditu u ipoteka oħra barra minn dik fuq is-somma indikata ta' £100. 19. 2½; u ġie ordnat li l-ispejjeż.

tant għaliex l-attur baqa' sokkombenti f'parti mit-talba, kemm ukoll għaliex dak li sar fittizjament fl-imsemmi kuntratt sar bil-konnivenza tiegħu, jibqgħu mingħajr taxxa, u d-dritt tar-reġistru jitħallas mill-kontendenti nofs kull wieħed; wara li dik il-*Qorti* ikkunsidrat;

Illi mill-provi jirriżulta għas-soddisfazzjon tal-Qorti illi l-kuntratt indikat fiċ-ċitazzjoni sar realment għas-somma biss ta' £100. 19. 2¼ li l-attur kellu jagħti lill-imsemmi Enrico Cannataci..............; u sar fittizjament għall-bqija; u jirriżulta wkoll li dana kien irrikonoxxieh l-istess Enrico Cannataci f'ħajtu. u li kien ipprometta wkoll li jħassar l-imsemmi kuntratt għal dak kollu li kien hemm fih fittizju; illi però ma jirriżultax soddisfaċentement pruvat illi l-istess Enrico Cannataci ħafer lill-attur l-imsemmi kreditu ta' £100. 19. 2¼;

Rat in-nota ta' l-appell tal-Professur Dottor Joseph H. Xuereb, kuratur ta' l-interdett Salvino Cannataci, terz interessat fil-wirt ta' Enrico Cannataci missieru, u rat il-petizzjoni tiegħu fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi riformata, billi tiġi revokata fejn laqgħet it-talba ta' l-attur u ordnat ir-riduzzjoni tal-kreditu u ta' l-ipoteka, u fejn ikkundannat il-wirt konvenut li jsofri l-ispejjeż tiegħu u nofs id-dritt tar-reġistru, u tiġi konfermata għall-kumplament. u bħala konsegwenza jiġu respinti d-domandi ta' l-attur bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi, kompriżi dawk ta' l-esponent, kontra tiegħu;

*Omissis;*

Rat ir-risposta ta' l-attur Giuseppe Cannataci, li qal li l-appell interpost huwa null. u subordinatament li huwa jipprevalixxi ruħu minn dak l-appell u talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi riformata billi tiġi revokata fejn..............; u konsegwentement jiġu akkolti d-domandi kif dedotti fiċ-ċitazzjoni, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut nomine jew l-appellant nomine;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-appell prinċipali huwa miġjub 'il quddiem bis-saħħa tad-dispożizzjoni ta' l-art. 262 tal-Kodiċi tal-Proċedura, li jgħid :— "It shal be lawful not only for the contending par-

ties, but also for any party having an interest in the case, to interpose an appeal.'' Dan id-dritt u dak ta' l-intervent fil-kawża, previst mill-art. 977 ta' l-istess Kodiċi, huma żewġ drittijiet separati u distinti, u jistgħu jiġu eżerċitati wieħed indipendentement mill-ieħor (ara sentenza ta' din il-Qorti tal-5 ta' Frar 1868 in re "Messina vs. Pullicino", Kollez. Vol. IV, paġ. 146). F'dan il-każ, l-interess ta' l-appellant Profes-sur Xuereb nomine huwa evidenti............ Għalhekk l-eċ-ċezzjoni opposta mill-attur Giuseppe Cannataci fis-sens li dak l-appell huwa null u ta' ebda effett, għandha tiġi, kif fil-fatt qiegħda tiġi, respinta bl-ispejjeż kontra l-imsemmi Giuseppe Cannataci.

**Ikkunsidrat;**

Illi b'kuntratt li sar għand in-Nutar Giovanni Chapelle fil-5 ta' Settembru 1932 (fol. 6) l-appellat Giuseppe Cannataci ikkostitwixxa ruħu debitur ta' missieru Enrico Cannataci fis-somma ta' £455. 17. 10½..............;

**Ikkunsidrat;**

Illi waħda mill-premessi fiċ-ċitazzjoni hija dik li Giusep-pe Cannataci kellu jagħti biss lil missieru s-somma ta' £100. 19. 2¼, u lis-somma l-oħra ta' £355. 8. 8, huwa ma kel-lux jagħtiha, u ġiet inkluża fil-kuntratt b'ingann u b'qerq ta' Enrico Cannataci, li kien ippersważieh li dak il-kuntratt kien qiegħed isir għall-vantaġġ tiegħu. Għalhekk id-domanda fiċ-ċitazzioni hija intiża biex id-debitu ndikat fil-kuntratt fuq imsemmi jiġi ridott għal £100. 19. 2¼, billi għall-kumplament għandu jiġi dikjarat bla effett u null billi magħmul b'ingann u b'qerq. Mill-provi li nstemgħu dak il-qerq jirriżulta li kien prinċipalment intiż biex jiġu preġudikati d-drittijiet tal-mara ta' Giuseppe Cannataci, u għal dak il-qerq ikkontribwew tant l-imsemmi Giuseppe Cannataci kemm missieru Enrico Canna-taci;

Illi l-Ewwel Qorti bis-sentenza appellata laqgħet it-talba ta' l-attur fis-sens biss li ddikjarat li l-kuntratt indikat fiċ-ċi-tazzjoni għandu jiġi ridott għas-somma biss ta' £100. 19. 2¼, bl-imgħax relattiv tal-5% fis-sena, u ddikjarat null u bla effett l-istess kuntratt għal kull kreditu u ipoteka oħra barra minn

dik fuq is-somma indikata ta' £100. 19 2¼, u ordnat li l-ispejjeż jibqgħu.............. Kontra dina s-sentenza interpona appell il-Professur Xuereb nomine, u kontra d-domanda ta' l-attur milqugħa b'dik is-sentenza ġieb 'il quddiem il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni bis-saħħa ta' l-art. 930 ta' l-Ord. VII ta' l-1868, barra minn eċċezzjonijiet oħra;

Ikkunsidrat;

Illi l-art. 930 fuq imsemmi jistabbilixxi li l-azzjoni għar-rexissjoni ta' kuntratt għal kawża ta' vjolenza, errur, qerq, stat ta' mara miżżewġa, interdizzjoni jew minoretà, tista' tiġi eżerċitata fi żmien sentejn, meta l-liġi għal ċerti każi ma tistabbilixxix żmien aqsar. L-istess jiġri għar-rexissjoni ta' obbligazzjonijiet mingħajr kawża, jew fondati fuq kawża falza. L-artikolu ta' wara (931) jgħid li dak it-terminu ta' sentejn fil-każ ta' vjolenza jibda jgħaddi minn meta tkun spiċċat, fil-każ ta' errur, qerq jew falsità ta' kawża mill-ġurnata li jiġi skopert id-difett, u fil-każ ta' obbligazzjoni mingħajr kawża mill-ġurnata tal-kuntratt;

Ikkunsidrat;

Illi l-appellat Giuseppe Cannataci bid-domanda tiegħu għar-riduzzjoni tal-kreditu minħabba qerq, jew kawża falza, jew ineżistenza ta' kawża, qiegħed jeżerċita l-azzjoni rexissorja prevista mill-imsemmi art. 930, u l-preskrizzjoni applikabili għall-każ hija dik ta' sentejn fl-istess dispożizzjoni stabbilita. Kif jidher mill-provi miġjubin mill-istess appellat Giuseppe Canataci, huwa kien jaf b'dak il-qerq sa mis-sena 1931, u għalhekk minn dak iż-żmien sal-lum il-preskrizzjoni hija kompita u l-azzjoni proposta tinsab estinta. Minħabba din il-konklużjoni li għaliha waslet din il-Qorti ma hemmx għal fejn tiġi eżaminata l-eċċezzjoni l-oħra sollevata mill-appellant u bażata fuq il-prinċipju konsakrat mid-dottrina u mill-ġurisprudenza "nemo in foro auditur turpitudinem suam allegans";

Ikkunsidrat;

Illi però din il-kawża tikkomprendi żewġ azzjonijiet separati. Waħda hija dik tar-rexissjoni peress li l-kuntratt fuq imsemmi huwa l-effett ta' qerq u ngann, u fuq din l-azzjoni

giet eżaminata u milqugħa l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni opposta mill-appellant. Iżda l-attur ikompli t-talba tiegħu u jgħid "u in kwalunkwe każ jiġi mħassar (il-kuntratt fuq imsemmi) billi Enrico Cannataci ppromettа li għandu jħassru għaliex jaf li in parti fittizju u għaliex rieѕ jaħfer il-parti vera tal-kreditu tiegħu fuq imsemmi ta' £100. 19. 2½". Għalhekk din l-azzjoni hija bażata kollha fuq il-promessa li l-appellat Giuseppe Cannataci jgħid li saritlu minn għand missieru, u għal din l-azzjoni l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mhix ċertament applikabili, u għandha tiġi respinta;

Ikkunsidrat:

Illi in kwantu għas-somma ta' £355. 8. 8. li fuqha gie migjub 'il quddiem l-appell prinċipali, dik il-promessa talmissier ma tidherx li hija suffiċjentement pruvata. Infatti..............;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-appellat Giuseppe Cannataci fir-risposta tiegħu iddikjara li jrid jipprevalixxi ruħu mill-appell tal-Professur Xuereb *nomine* biex anki hu jappella mis-sentenza ta' l-Ewwel Qorti. Iżda dik ir-risposta giet preżentata wara li kien għalaq iż-żmien preskritt fl-art. 162 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, u għalhekk, in bażi għal din id-dispożizzjoni, flimkien ma' dik ta' l-art. 264 ta' l-istess Liġi, dak l-appell inċidentali għandu jiġi ritenut null u ineffikaċi;

Għal dawn ir-raġunijiet:

Tiddeċidi;

1. Billi tiddikjara null u ineffikaċi l-appell inċidentali promoss mill-attur; bl-ispejjeż kontra tiegħu;

2. Billi tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' sentejn opposta mill-appellant, in kwantu hija diretta kontra l-azzjoni rexissorja tal-kuntratt fuq imsemmi, imħabba qerq u ngann; bl-ispejjeż relativi kontra l-attur Giuseppe Cannataci;

3. Billi tirrespinġi dik l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni in kwantu diretta kontra l-azzjoni ta' l-attur bażata fuq il-promessa li jippretendi li għamillu Enrico Cannataci; bl-ispejjeż relativi kontra l-appellant Professur Xuereb nomine;

4. Billi fil-meritu tirrespingi t-talba ta' l-attur li hija involuta f'dan l-appell, jiġifieri għas-somma ta' £355 8. 8; u in vista taċ-ċirkostanzi tal-każ tordna li l-ispejjeż relativi ma jkunux taxxati, iżda d-dritt tar-reġistru jitħallas mill-attur; u għalhekk tirrevoka s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti f'dik il-parti fejn laqgħet dik it-talba;

U f'dan is-sens tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza li minnha hemm appell.